MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 643/2001/1

**Marika Caruana**

**vs**

**Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf u sittin lira Maltija (Lm1060.00), u fejn intqal:

Illi l-attrici kienet giet imqabbda tahdem bhala Deputat Registratur fl-Awla tal-Magistrat Dr. J. Padovani Grima;

Illi hija bdiet minn Gunju 1998 u baqghet sa Awissu 2000. L-ebda replacement taghha ma ntbaghat;

Illi min kien jahdem bhalha kien qed jiehu allowance ghas-sena 1998, ta’ tletin lira (Lm30.00) fix-xahar; ghas-sena 1999 sa Gunju ta’ tletin lira fix-xahar, u minn Lulju 1999 il-quddiem ta’ hamsin lira Maltija (Lm50.00) fix-xahar, u l-istess rata kienet tapplika ghas-sena 2000;

Illi ghalhekk hija ghandha tiehu l-ammont ta’ elf u sittin lira Maltija (Lm1060.00);

Illi minkejja t-talbiet taghha biex tithallas, bhalma thallsu membri ohra ta’ l-istaff, hija baqghet bla risposta u ghalhekk kellha taghmel din il-kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-21 ta’ Awissu, 2001, fejn gie eccepit:

**i.** illi l-avviz li bih saret din it-talba huwa null peress illi m’huwiex specifikat kontra liema “Direttur Generali” qieghda ssir it-talba;

**ii.** illi l-avviz li bih inbdew dawn il-proceduri huwa null u irrecevibbli peress illi ma giex precedut b’ittra ufficjali jew protest fit-termini ta’ l-Artikolu 460 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**iii.** Illi t-talba taqa’ barra l-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal peress illi mhijiex dwar “money claim” fit-termini ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap.380 billi l-istess talba hija sostanzjalment biex l-attrici tinghata hatra fis-servizz pubbliku retroattivament – haga illi skond il-Kostituzzjoni (Artikolu 110) tista’ tinghata biss mill-Kummissjoni Dwar is-servizz Pubbliku. Il-fatt illi l-azzjoni hija velata bhala azzjoni ghal-ammont dovut ma jistax jeradika l-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal meta s-sustanza ta’ l-

azzjoni hija dwar materja li taqa' barra l-gurisdizzjoni kemm ta' l-istess Tribunal kif ukoll tal-Qrati Civili;

**iv.** Illi t-talba ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi fiz-zmien rilevanti hija ma kienetx tiddetjeni kariga fis-servizz pubbliku illi kienet tintitolha ghall-hlas addizzjonali rikjest minnha. Illi di piu`, l-esponent jixtieq jirrileva illi l-attrici kienet marret taghmel ix-xoghol in kwistjoni fuq talba u fuq insistenza taghha u bl-ebda mod ma giet sfurzata jew ordnata biex taghmel l-istess xoghol mill-amministrazzjoni tal-Qrati.

Ra l-affidavits ta' Marica Caruana, Albert Calleja, Frederick Stagno Navarra, Alan Calleja, Rita Falzon, il-Magistrat Dr Jacqueline Padovani. Semgha x-xhieda ta' Gemma Debono, Kevin Mahoney u Marica Caruana (in kontroezami). Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attrici u n-nota responsiva tal-konvenut. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

**1.** It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghad-decizjoni in parte moghtija fid-9 ta' Novembru, 2001, li fiha gew decizi l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

**2.** Issa jigi rilevat illi l-konvenut eccepixxa wkoll illi t-talba taqa' barra l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal peress illi mhijiex dwar "money claim" fit-termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.380 billi l-istess talba hija sostanzjalment biex l-attrici tinghata hatra fis-servizz pubbliku retroattivament – haga illi skond il-Kostituzzjoni (Artikolu 110) tista' tinghata biss mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku. Gie sottomess mill-konvenut li l-fatt illi l-azzjoni hija velata bhala azzjoni ghal-ammont dovut ma jistax jeradika l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal meta s-sustanza ta' l-azzjoni hija dwar materja li taqa' barra l-gurisdizzjoni kemm ta' l-istess Tribunal kif ukoll tal-Qrati Civili.

3. It-Tribunal ikkunsidra illi l-Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

“Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ din il-Kostituzzjoni, is-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi, u li jezercita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f’xi karigi bhal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.”

It-Tribunal jinnota li tali eccezzjoni kienet taghmel sens li kieku s-sustanza ta’ l-azzjoni kienet tirrigwarda il-hatra, haga li mhux  minnu peress illi l-kontestazzjoni fil-fatt tirrigwarda talba semplici ghal hlas dovut lill-attrici in kwantu hija ghamlet xoghol ta’ Deputat Registratur kif ordnata taghmel. B’ebda mod ma hu qed jigi attakkat jew ikkontestat l-ordni li nghata. F’dan il-kaz ma hi qed tigi b’ebda mod indagata il-hatra ta’ l-attrici, u li kieku dak il-kien kaz, definittivament dan it-Tribunal ma kienx ikun kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta’ l-azzjoni intentata.

It-Tribunal jinnota illi fil-fatt, fit-talba taghha, l-attrici  qalet li l-ammont qed jintalab peress Illi min kien jahdem bhalha kien qed jiehu allowance. Ghalhekk dak li qed tghid l-attrici huwa biss li hi intitolata ghal “allowance” in kwantu hi ghamlet xoghol simili ghall-dak li haddiehor li kellu l-hatra ta’ Deputat Registratur kien qed jaghmel.  Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx din l-eccezzjoni sostenibbli ghaliex hi kull ma qed titlob huwa hlas ta’ ammont ta’ flus, u tali talba tinkwadra ruhha fit-termini ta’ l-Artikolu 3(2) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi fost ohrajn li:

“….it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn elf u hames mitt lira.”

**4.** Fit-trattazzjoni kif ukoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici u fin-nota responsiva tal-konvenut saret referenza ghall-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossija jekk f’dan il-kaz it-Tribunal kienx qed jezamina jekk ghemil amministrattiv kellux jigi ddikjarat null jew ultra vires, ghar-ragunijiet imsemmija fl-imsemmi Artikolu. Ma hemmx dubbju li kieku dan kien il-kaz it-Tribunal ma kienx ikun kompetenti biex jisma u

jiddeciedi il-kaz. Pero` f'dan il-kaz It-Tribunal jinnota li hawn ma hu qed jigi b'ebda mod intentat li jigi impunjat xi att amministrattiv. F'dan il-kuntest it-Tribunal qed jakkolji it-tezi ta' l-attrici, fis-sens li d-decizjoni amministrattiva dwar it-tip ta' xoghol li kellha taghmel l-attrici ma hi b'ebda mod qed tigi indagata, u li fil-fatt hawn si tratta ta' talba ghall-hlas ta' ammont ta' flus *sic et simpliciter*.

**5.** Ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija fis-sens illi l-attrici ma kienetx intitolata ghal hlas addizzjonali rikjest peress li fiz-zmien in kwistjoni ma kienetx tiddetjeni kariga fis-Servizz Pubbliku. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-vertenza tirrisolvi ruhha fuq il-punt dwar jekk dan it-Tribunal ghandux japplika principji ta' ekwita` biex jiddetermina jekk l-attrici, jekk din fil-fatt ghamlet xi xoghol ta' certu tip, hix intitolata ghall certu hlas addizjonali, kif kien jiehu min kien intitolat ghall-"allowance".

**6.** It-Tribunal ihoss illi ghandu jissofferma ruhu fuq il-punt ta' l-ekwita' inkwantu l-Artikolu 7(1) tal-Kap 380 jipprovdi li:

"It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita':

Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata' skond il-Ligi".

**7.** Fir-rigward ta' ekwita' fis-sens litterali taghha t-Tribunal kif gja esprima ruhu drabi ohra fir-rigward jinghad li din tfisser:

"Fairness, recourse to principles of justice to correct or supplement the Law; system of Law, coexisting with and superseding common Law and statute Law (Oxford Dictionary).

Fil-kamp guridiku l-kelma ekwita' ghandha s-sens illi dan hu principju li ghandu jigi applikat mhux biex ifarrak il-Ligi, jew biex jissostitwixxi l-Ligi, izda biex jissupplimentaha fejn il-Ligi hi mankanti:

“Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates, and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth; it does also assist the law where it is defective and weak in the constitution, and defends the law from crafty evasions, delusions, and new subtilties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is the office of equity, to support and protect the common law from shifts and crafty contrivances against the justice of the law. Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assist it” (Dudley [Lord] vs Dudley [Lady] [1705] ).

Ghandu jinghad ukoll li:

“”Equity follows the law” and in cases where the legal analogy clearly applied, the rule of law was adopted, however harsh it might be.”

Kif ukoll li:

“Equity is co-relative and co-existensive with law “ (Sources of English Legal History 1750 – 1950 – A.H. Manchester. P. 121)

Il-kuncett tal-ekwita’ zviluppa matul is-sekli, pero’ sa minn zmien Aristotile l-bazi ta’ l-ekwita’ kienet dik ta’ korp ta’ regoli li jissupplixxu fejn il-Ligi hija mankanti:

“Aristotle explains how appeals to equity may be best made by an advocate pleading in the courts, and relates it to the “unwritten” law regarded as underlying an supplying the deficiencies of the body of enacted law” (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4$^{th}$ ed, p.964)

Dak  li hu ekwu huwa gust:

“……. While we sometimes praise what is equitable and the equitable man,  ……. at other times, when we reason

it out, it seems strange if the equitable, being something different from the just, is yet praiseworthy; for either the just or the equitable is not good, if they are different; or, if both are good, they are the same." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)

U jkompli jghid:

"….. for the equitable, though it is better than one kind of justice, yet it is just, and it is not as being a different class of thing that it is better than the just. The same thing, then, is just and equitable, and while both are good the equitable is superior. What creates the problem is that the equitable is just, but not the legally just but a correction of legal justice. The reason is that all law is universal but about some things it is not possible to make a universal statement which shall be correct. In those cases, then, in which it is necessary to speak universally, but not possible to do so correctly, the law takes the usual case, though it is not ignorant of the possibility of error. And it is none the less correct; for the error is not in the law nor in the legislator but in the nature of the thing, since the matter of practical affairs is of this kind from the start. When the law speaks universally, then, and a case arises on it which is not covered by the universal statement, then it is right, where the legislator fails us and has erred by over-simplicity, to correct the omission - to say what the legislator himself would have said had he been present, and would have put into his law if he had known. Hence the equitable is just, and better than one kind of justice – not better than absolute justice, but better than the error that arises from the absoluteness of the statement. And this is the nature of the equitable, a correction of the law owing to its universality." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)

Dak li hu ekwu necessarjament huwa gust, u l-ekwita` hi propju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. L-istess awtur ikompli jghid:

“it is plain what the equitable is, and that it is just and is better than one kind of justice. It is also evident from this who the equitable man is; the man who chooses and does such acts, and is no stickler for his rights in a bad sense but tends to take less than his share though he has the law on his side, is equitable, and state of character is equity, which is a sort of justice and not a different state of character.”

Sir Henry Maine isemmi tlett strumentalizzazzjonijiet li jservu biex igibu aktar qrib ta’ xulxin l-interessi tas-socjeta’ kif distinti minn dawk tal-ligi; u cioe’ “Legal Fictions, Equity, and Legislation” u jitlaq b’din il-premessa:

“…Law is stable; the societies we are speaking of are progressive. The greater or less happiness of a people depends on the degree of promptitude with which the gulf is narrowed.”

Filwaqt li Lord Denning juri l-preokkupazzjoni tieghu fuq dak li qal Maine fuq it-tlett strumentalizzazzjonijiet: “If they are exhausted where is a new means to be found?” u jispicca jghid:

“The law as I see it has two great objects: to preserve order, and to do justice; and the two do not always coincide. Those whose training lies towards order, put certainty before justice; whereas those whose training lies towards the redress of grievances, put justice before certainty. The right solution lies in keeping the proper balance between the two.”

Tenut kont ta’ dan kollu, it-tifsira li ghandha tinghata lill-kelma “ekwita`”, u aktar tenut kont tal-kliem “skond il-Ligi” illi jinsab ghall xi raguni allaccat mal-kelma “ekwita’” fl-Artikolu 7 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-fehma tat-Tribunal ghandu jigi interpretat fis-sens li l-ekwita` ghandha ssegwi l-Ligi, u ghandha ukoll pero` il-funzjoni specjali li din tissuplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni, u b’mod li ssir gustizzja ma’ dak li jkun.

**8.** Ghalhekk tenut kont ta’ dan kollu it-Tribunal jghaddi biex jezamina l-fatti. Jirrizulta li l-attrici hija impjegata fis-Servizz Pubbliku u kienet taghmel ix-xoghol ta’ Clerk I, u dana sa mis-6 ta’ Mejju, 1992, u kienet taqdi il-funzjonijiet mal-Qorti tal-Magistrati.

**9.** Jirrizulta li fi zmien minnhom il-Magistrat Jaqueline Padovani Grima, skond ma qalet l-istess Magistrat fl-affidavit taghha, kienet inghatatilha deputata, li ghalkemm kwalifikata, ma kelliex l-istharrig mehtieg f’dak li huma “computers”, u kapacita`. Ghalhekk l-istess Magistrat kienet qabbdet lill-attrici biex taghmel xoghol ta’ Deputat Registratur maghha. Fil-fatt l-attrici skond ma xehdet il-Magistrat Padovani Grima, kienet hadmet maghha bl-intervent ta’ Gemma Debono, dak iz-zmien Direttur Generali tal-Qorti.

**10.** Ma jirrizultax li qatt sar diskors dwar xi forma ta’ kumpens addizjonali in vista tax-xoghol li kienet qed taghmel. L-attrici stess tikkonferma dan.

**11.** Jirrizulta li l-attrici hadmet principalment bhala deputat mal-Magistrat imsemmi minn Gunju, 1998 sa Awissu, 2000. F’dak il-perjodu min kien ufficjalment deputat registratur kien qed jircevi “allowance” ta’ tletin lira (Lm30.00) fix-xahar ghas-sena 1998, tletin lira (Lm30.00) fix-xahar ghas-sena 1999 sa Gunju ta’ dik is-sena, u hamsin lira (Lm50.00) fix-xahar minn Lulju, 1999 il-quddiem sas-sena 2000. L-attrici qed titlob l-ammont a bazi ta’ dawn ir-rati.

**12.** It-Tribunal ikkunsidra li tali “allowance” hi marbuta mal-kariga, pero’ dana ma jfissirx li min ikun qed jaghmel l-istess tip ta’ xoghol ma ghandhux jinghata xi forma ta’ kumpens, ghalkemm definitivament m’ghandux jinghata l-istess kumpens bhal min ghandu l-hatra.

**13.** Kif intqal ma hux kompitu ta’ dan it-tribunal li jidhol fil-kwistjoni dwar kariga u lanqas ma hi din il-vertenza quddiem it-Tribunal, izda jekk l-attrici, in kwantu ghamlet xoghol ta’ Deputat Registratur, hix intitolata, fuq bazi ta’

ekwita’, ghall xi forma ta’ kumpens ghall dak il-piz zejjed li garret, u li kienet obbligata ggorr.

**14.** F’dan is-sens l-eccezzjoni li l-attrici fiz-zmien rilevanti ma kienetx tiddetjeni kariga fis-servizz pubbliku illi kienet tintitolaha ghall-hlas addizzjonali rikjest minnha, hija sa certu punt fondata. Pero` it-Tribunal mill-valutazzjoni tal-fatti ma jirrizultalux li l-attrici kienet marret taghmel ix-xoghol in kwistjoni fuq talba u fuq insistenza taghha, anzi jidher piuttost li ntalab lilha li taqdi funzjoni partikolari, u hi ghinet billi ghamlet ix-xoghol minnha rikjest, u garret dik ir-responsabilita` marbuta max-xoghol li kienet qed taghmel.

15. Ghandu jigi rilevat li l-Artikolu 66 (2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

“Kull wahda mill-qrati tista’, meta jkun mehtieg, tahtar provvizorjament ghall-esekuzzjoni tad-dmirijiet ta’ deputat registratur iddestinat b’mod specjali ghas-servizz ta’ dik il-qorti, lil deputat registratur iehor, jew lil xi ufficjal iehor, u dan l-ufficjali, qabel ma jibda d-dmirijiet tieghu, ghandu jiehu quddiem dik il-qorti, il-gurament mehtieg fl-artikolu 60”

Fil-waqt li l-Artikolu 66(3) jipprovdi li:

“Id-disposizzjoni tas-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu tghodd ghar-registratur tal-qrati inferjuri.”

Jirrizulta li l-attrici, fil-fatt ghamlet ix-xoghol rikjest ghax hekk ordnata taghmel. Ma ingiebet ebda prova dwar li l-attrici ma ghamlitx dan ix-xoghol, anzi kollox jindika li l-attrici hadmet kif suppost u garret ir-responsabilita` tax-xoghol li kienet ordnata taghmel.

16. Issa huwa minnhu li l-attrici qed titlob hlas ekwivalenti ghall dik l-“allowance” li kienu qed jircievu d-deputati registraturi. Pero` t-Tribunal, tenut kont tal-fatt li kwalunkwe kumpens li jinghata m’ghandux ikun marbut mal-kariga, ma jistghax jakkolji it-talba attrici ghall-ammont kif mitlub. Pero` in kwantu l-attrici ghamlet xoghol

simili, u garret dik ir-responsabilita`, it-Tribunal jhoss li jkun ekwu u gust li ghandha tinghata zewg terzi ta' l-ammont mitlub, ossija ghal perjodu li ghamlet dak ix-xoghol, is-somma ta' seba' mija u sitt liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm706.66).

Ghaldaqstant it-tribunal qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u sitt liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm706.66) bl-imghax li jibda jiddekorri mil-lum.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet salv ghall dak gja deciz dwar il-kap ta' l-ispejjez fil-konfront ta' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni fid-decizjoni preliminari tad-9 ta' Novembru, 2001."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'aggravji kemm ta' indoli procedurali kif ukoll fil-meritu. Huwa stess jelenkahom f'dawn it-termini:-

1. It-Tribunal ma kellu l-ebda gurisdizzjoni biex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici;
2. It-Tribunal naqas li jhares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 (2) tal-Kap 380 meta qamet quddiemu kwestjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni;
3. It-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u l-ekwita` skond il-ligi u b'hekk ippregudikalu l-jeddijiet tieghu.

Huwa fl-ordni logiku illi dak li jitqies fundamentali qabel kull konsiderazzjoni ohra huwa l-aggravju illi jekk sostenut l-konsegwenza tkun li l-meritu ma jkunx jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal li jkun ippronunzja s-sentenza attakkata u din allura jkollha tigi dikjarata nulla.

Il-ligi nnifisha li tat lok ghall-krejazzjoni tat-Tribunal adit tiffissa l-parametri stretti u limitatissimi tal-gurisdizzjoni tieghu billi proprju fl-Artikolu 3(2) tal-Att 380 tippreskrivi illi "t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' <u>biss</u> it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500).

Fil-kaz in ezami t-talba tal-attrici kif evidenzjat mill-att promotur hi diretta ghall-hlas ta' somma specifika li hi tippretendi li hi dovuta lilha bhala 'allowances' minghand il-konvenut. Dan minn naha tieghu jiddefendi ruhu billi jikkontendi illi s-sustanza tal-azzjoni tirrigwarda materja li timporta konsiderazzjonijiet ohra minn semplici domanda ta' hlas ta' flus u ghalhekk tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Kif emers mill-provi s-sottomissjoni tal-konvenut appellant tirpoza fuq l-argoment illi fiz-zmien li dwaru l-attrici tippretendi l-hlas hi ma kienetx Deputat Registratur u allura la ma kellhiex dan il-grad, li skond il-Kostituzzjoni, ex Artikolu 110, il-hatra dwaru hi vestita fil-poter rakkomandatarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ergo l-attrici ma setghetx tesigi bi dritt hlas li ma kienx konsentit lilha bhala impjegata klerikali kif hekk kienet l-attrici f'dak l-istess zmien.

Fis-sentenza appellata l-Gudikatur irraguna illi "l-kontestazzjoni fil-fatt tirrigwarda talba semplici ghall-hlas dovut lill-attrici inkwantu hija ghamlet xoghol ta' Deputat Registratur kif ordnata taghmel".

Bir-rispett kollu l-materja ma hijiex daqstant semplicistika daqs kemm ghogbu jiccirkoskriviha t-Tribunal.

Huwa bil-wisq pacifiku illi ma huwiex l-att promotur wahdu li jistabilixxi l-parametri li fihom it-Tribunal kellu jezercita l-gurisdizzjoni tieghu u li allura jiddetermina l-kompetenza tieghu. Fil-kaz in disamina hu aktar minn ovvju illi l-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq ir-rapport tax-xoghol u s-servizz taghha. Servizz li qed jigi ripudjat mill-konvenut fis-sens li qed isostni li l-attrici ma tistax tippretendi skond il-kundizzjonijiet tal-impjieg taghha dak li ghalih ma kienetx intitolata. Servizz fuq kollox mal-Gvern li, kif drabi ohra rikonoxxut, jikkonsisti f'rapport specjali regolat b'disposizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u b'pattijiet u kundizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern ("**Carmelo Magro –vs- Il-Kummissarju tal-Pulizija et**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Rapport, li kif rikonoxxut mill-istess Tribunal fid-decizjoni tieghu, li kieku kellu jigi ezaminat u approfondit minnu kien jirrendih inkompetenti biex jiehu konjizzjoni tieghu.

Dan premess, irid jigi sottolinejat ukoll illi l-kompetenza ma tigix meqjusa biss mill-punto di vista tat-talba izda wkoll tal-eccezzjoni.

Issa huwa minnu illi konsiderata l-materja mill-ottika tat-talba din kienet wahda ghall-hlas ta' ammont ta' flus sic et sempliciter, kif hekk ghogbu jikkwalifikaha l-istess Tribunal. Din it-talba pero` ma setghetx tigi kontemplata izolatament mill-eccezzjoni. Eccezzjoni li minn natura taghha biex tigi investita, kif hekk kien mistenni li jsir, kien jirrikjedi investigazzjoni ta' aspetti li certament ma jistghax jinghad, imbaghad, li kienu jaqghu fil-kompetenza tat-Tribunal in kwantu t-Tribunal jigi b'hekk u ghal din ir-raguni ezawtorat "ope exceptionis".

Hu difatti pacifikatament akkolt illi "l-kompetenza ma tiddependiex bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut" ("**Oscar Busuttil –vs- Giuseppe Camilleri noe**", Prim'Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1952.

Jista' jkun ghalhekk illi l-azzjoni ghalkemm inizzjalment tkun ta' kompetenza tat-Tribunal, din ma tibqghax hekk meta vizwalizzata mill-perspettiva ta' l-eccezzjoni. Ara fl-istess sens sentenza fl-ismijiet "**Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul nomine**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996 u dik riportata a **Vol L pII p364**.

Dan jista' jigri billi t-Tribunal necessarjament jigi, bhala konsegwenza tal-eccezzjoni u bhala parti mill-process, mitlub biex jiggudika t-talba quddiemu fuq konsiderazzjonijiet li mill-indoli taghhom jeccedu l-kompetenza tieghu. Dak prezenti hu wiehed minn dawk il-kazijiet.

Id-drittijiet civili tal-attrici appellata, importanti kemm huma importanti, ma jgibux ghal daqshekk li t-Tribunal ghandu, jew kellu, jinjora certi principji li jirregolaw l-impjieg taghha fis-servizz civili, di fronte ghall-Istat, kif hekk proprju l-istess Tribunal gie invitat jaghmel permezz tal-eccezzjoni fir-rigward u hekk intimament konnessa mal-pretensjoni

fit-talba attrici kontenuta. Dan ghall-motiv, illi, kif ‘ex abundantia cautelae’ imtenni, l-materja riedet necessarjament tigi trattata, epurata u deciza fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet meritu tal-eccezzjoni. Obbligu dan li l-Gudikatur ma setghax jinjorah billi jiddeciedi l-vertenza sempliciment fuq bazi ta’ ekwita`.

Premess dan li fuq gie espost il-Qorti tqis dan l-aggravju bhala validu u ghandu jigi milqugh. Gjaldarba giet raggunta din il-konkluzjoni ma huwiex il-kaz li l-Qorti tinvesti l-aggravji l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kellux gurisdizzjoni jiehu konjizzjoni tat-talba tal-attrici appellata u tiddikjara ghalhekk id-decizjoni tieghu appellata bhala irrita u nulla.

In vista tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------